MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2013

Numru. 613/2013

**Il-Pulizija
(Spettur Tony Cachia)**

**vs**

**ANTON MUSCAT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Anton Muscat ta' 22 sena bin Emanuel Muscat u Rose Muscat xebba Bugeja mwieled Arad (Rumanija) nhar it-12 ta' Novembru, 1990, residenti 27, Manrose, Triq in-Nahal, Qormi u detentur tal-karta tal-identita' numru 581290M.

Gie akkuzat talli:-

Matul il-gurnata tat-12 ta' Gunju 2011 minn gewwa residenza St Rita fi Triq it-Tlieta u Ghoxrin t'April Qormi, ikkommetta serq ta' oggetti ta' gojjellerija, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-valur li jeccedi aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) u bil-persuna ghad-detriment ta' Alex Spiteri u Dorianne Spiteri.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok JA3 u nnutat li l-imputat Anton Muscat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li r-rifurtiva giet ritornata lil sidha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(c) u (e), 267, 269, 279 u 280(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Anton Muscat, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat, li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tillibera lill-istess imputat Anton Muscat taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Anton Muscat l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------